**Kulleġġ San Tumas More**

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

# IL- MALTI (Il-Qari u l-Kitba)

**Ir-Raba' Sena** **Frar 2015** **Il-Ħin: Siegħa u Kwart**

**L-isem u l-kunjom:** ________________________________

**Il-klassi:** ________________________________

| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki tat-taqsima | **60 marka** |
| Il-marki tal-istudent/a | |

**Għall-istudent/a**

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb l-isem u l-kunjom, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu xi żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

## TAQSIMA A: IL-FEHIM MILL-QARI (30 marka)

**<u>Test A: Aqra din is-silta</u>:** **(10 marki)**

<u>Betta u Charlie Chaplin</u>

Għodwa waħda Betta Trombetta, tifla mqarqċa ta' għaxar snin kienet qed taqra l-fuljett tar-raħal meta sabet dan l-avviż:



*Il-Kumpanija Żmeraldi*

*se ttella' r-reċta sabiħa*

*"Is-Sigriet Ta' Charlie Chaplin"*

*fis-sala tal-knisja, Ħal Narċis*

*nhar il-Ħadd 22 ta' Frar, fil-5.00 p.m.*

*TITILFUHIEX!*

Betta kienet tħobb ħafna tara l-films ta' Charlie Chaplin. Għalhekk marret tiġri għand in-nannu u talbitu biex joħodha tara din ir-reċta. In-nannu tbissem għax anki hu kien iħobb lil Charlie Chaplin.

(Addattata minn "Betta Ġġibha Żewġ" ta' Carmel G. Cauchi)

Issa wieġeb b' Malti tajjeb il-mistoqsijiet fuq din is-silta qasira.

1. **Ikteb VERU jew FALZ ħdejn dawn is-sentenzi**. (2 marki)

a. Betta kellha tmien snin. ___________

b. Betta kienet tifla fuq ruħha. __________

2. **Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba f'dawn is-sentenzi.**(2 marki)

a. Betta sabet l-avviż fil-(gazzetta, fuljett tar-raħal, ktieb tal-Malti).

b. Kienet se ssir (kummiedja, priedka, reċta) fuq Charlie Chaplin.

3. **Imla l-vojt bil-kliem it-tajjeb**. (4 marki)

"Is-Sigriet ta' Charlie Chaplin" ser issir nhar il-___________ 22 ta'

_______________ fil-___________ ta' __________.

4. Taħseb li n-nannu ta' Betta ħadha tara din ir-reċta? Għaliex?

(2 marki)

___________________________________________________________

___________________________________________________________

**Test B: Aqra sew din is-silta:** **(20 marka)**

## Intilef Tifel

Ftit 'il bogħod mid-dar tal-familja Vella hemm *playing field* żgħir b'siġra kbira taż-żebbuġ fin-nofs. *(par. 1)*

Sibt wieħed, Peter, John, Mary u Ġorġ irħewlha għal hemm, bi kliem ommhom għadu jżarżar f'widnejhom. "Ħudu ħsieb liż-żgħir. Araw li ma jiġrilu xejn, fhimtuni?" *(par. 2)*

Peter u John tawha dritt għall-ewwel bandla. Ġorġ waqaf biex iħares lejn gremxula. Mary ħadet ftit tal-ħin għax kellha pasta tal-lewż x'tiekol; imma tant kienet fuq ix-xwiek biex tmur tiżżerżaq li qasmitha fi tnejn; belgħet nofs u n-nofs li baqa' newlitha lil kelb li kien qed idur magħha. *(par. 3)*

Tgħidx kemm tbandlu u żżerżqu u werżqu. Ħin minnhom, John għajjat għajta kbira: "Ġorġ!" It-tliet aħwa waqfu mil-logħob u, imbellhin, ħarsu madwarhom. Għalxejn. Ġorġ kien għosfor. *(par. 4)*

"Ajma ħej! Ġejja tagħna," qal Peter. It-tfal tbikkmu. Bdew iduru mal-bandli kollha jfittxu, qishom ras maqtugħa. "Dak żgur hawn qiegħed. Mary, mur ara hux ħdejn il-vaska tal-ħut," qal Peter. *(par. 5)*

Iżda Ġorġ ma nstab imkien. Raġel b'nuċċali oħxon qal li rah jiġri 'l barra wara qattus. Mary u John infexxew jibku bil-biża' li Ġorġ seta' ġralu xi ħaġa. Peter ġera 'l barra bit-tama li jsib liż-żgħir fit-triq. Ma laħaqx mexa wisq li ma nstemax jgħajjat għajta kbira, "Hemm hu, hemm hu." *(par. 6)*

Tassew hemm kien Ġorġ, imxaħxaħ taħt ħajt fid-dell ta' xitla kbira tal-kappar. "Ġorġ!" għajtu kollha malli lemħuh. U Ġorġ kulma qal kien: "Se tgerrxuli l-qanfud!" *(par. 7)*



F'idu Ġorġ kellu kaxxa tal-kartun. Ġo fiha kien hemm qanfud żgħir. John deffes idu fil-kaxxa u refa' l-qanfud bil-mod. "Issa kulħadd għad-dar," qal John, "nagħtuh ftit ħalib, għax il-qniefed iħobbuh il-ħalib, imbagħad nitilquh fl-għalqa tan-nannu. L-iskola tgħallimna li l-qniefed ma nistgħux inżommuhom id-dar għax huma mħarsa bil-liġi u fl-għalqa tan-nannu jkun fl-ambjent tiegħu żgur. U hekk, inkunu nistgħu ngawduh xorta!" *(par. 8)*

**<u>A: Issa aqra, ifhem u wieġeb b'sentenzi sħaħ. Tagħmilx żbalji fil-kitba</u>: (marka għal kull mistoqsija)**

1. X'waqaf jara Ġorġ meta waslu? ________________________________

   ________________________________________________________________

2. Ma' min qasmet il-pasta Mary? ________________________________

   ________________________________________________________________

3. Għaliex għajjat għajta kbira John? ______________________________

______________________________________________________________

4. Fejn bdew ifittxu t-tfal? _______________________________________

______________________________________________________________

5. X'qal ir-raġel tan-nuċċali oħxon? ________________________________

______________________________________________________________

6. Fejn instab Ġorġ? ____________________________________________

______________________________________________________________

7. X'kellu Ġorġ fil-kaxxa tal-kartun? _________________________________

______________________________________________________________

8. X'riedu jagħtuh jixrob lill-qanfud? ______________________________

______________________________________________________________

9. X'azzjoni tajba għamlu t-tfal biex iħarsu l-ambjent? _________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

10. Mis-silta sib kelma oħra flok:

a) telqu *(par. 2)* ______________________________

b) sparixxa *(par. 4)* ______________________________

c) mitluq *(par. 8)* ______________________________

**B: Immarka b’ (√) taħt VERU jew FALZ. L-ewwel waħda lesta.**

**(8 marki)**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | F’nofs il-playing field kien hemm siġra taż-żebbuġ. | √ | |
| 2. | L-istorja ġrat il-Ħadd. | | |
| 3. | Iż-żgħir tal-familja Vella kien jismu Ġorġ. | | |
| 4. | Mary kellha pasta tal-lewż. | | |
| 5. | It-tfal ma ħadux gost jitbandlu. | | |
| 6. | Mary marret tfittex lil ħuha ħdejn il-vaska tal-ħut. | | |
| 7. | Tnejn mit-tfal bdew jibku għax tilfu l-flus. | | |
| 8. | Fil-kaxxa tal-kartun kien hemm qattus. | | |
| 9. | Il-qanfud hu annimal protett mil-liġi. | | |

**TAQSIMA B: IL-KITBA** **(30 marka)**

**L-Ewwel Parti: Il-Grammatika u l-Ortografija** **(10 marki)**

**Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**L-ewwel waħda lesta.**



Toni u Sara marru r-razzett tan-nannu Pawlu u n-nanna Marija. Kif waslu ġiet tilqagħhom Ziza l-kelba. Sara marret tara lin-nanna taħleb il-baqar u Toni mar man-nannu biex jitimgħu l-bodbod.

1. Mis-silta sib:

a. nom komuni razzett

b. nom proprju maskili ___________________

c. nom proprju femminili ___________________

d. nom fil-plural ___________________

e. verb ___________________ (marka x 4)

2. Agħti:

a. il-maskil ta' baqra _________

b. il-femminil ta' bodbod _________ (marka x 2)

3. Aqta' sinjal taħt il-kelma t-tajba:

a. Toni kien tifel gustus ***jew*** gustuż

b. Kellhom jitilgħu ħafna taraġ ***jew*** taraċ (marka x 2)

4. Imla l-vojt bl-artiklu tajjeb:

a. Ziza ___kelba ġiet tifraħ bihom.

b. Wara marret tiġri wara ___tiġieġ. (marka x 2)

## It-Tieni Parti: Il-Kitba l-Qasira (3 marki)

**Riklam**

Iz-zija tiegħek għadha kemm fetħet ħanut tal-ħwejjeġ ġdid. Ikteb riklam biex tħajjar lin-nies jiġu jixtru minn għandha.



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

## It-Tielet Parti: Il-Kitba t-Twila (17-il marka)

Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI fuq WIEĦED minn dawn it-titli:

1. **Kien sar il-ħin sewwa u kont fi triqti lejn id-dar wara li qgħadt nilgħab il-bandli ma' sħabi. F'daqqa waħda rajt dawl abjad kbir fis-sema ....**

   X'kien dak id-dawl? X'ġara? X'għamilt?

**JEW**

2. **Fl-aħħar, il-ġurnata tant mistennija waslet!**

   X'kienet l-okkażjoni li tant kont qed tistenna? X'ġara f'dik il-ġurnata? Kif għaddiet?

**JEW**



3. **Jien għasfur li ħrabt minn gaġġa.**

   Kif irnexxielek taħrab? Fejn mort? X'għamilt? Kif spiċċajt?

**Ikteb in-numru tal-istorja**: ____ (1, 2 jew 3)

**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan għall-kitba tiegħek.**

**(2 marki)**

**(15-il marka)**

## TMIEM IL-KARTA